MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 206/2001/1

**Joseph Demartino, Sindku u Alfons Anastasi,**
**Segretarju tal-Kunsill Lokali Mosta**
**in rappresentanza ta' l-istess Kunsill**

**v.**

**Kummissjoni Elettorali**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Din hija kawza fejn il-Kunsill Lokali tal-Mosta qed jitlob li l-Qorti "tiddikjara li jezistu cirkostanzi eccezzjonali kif kontemplati fl-Artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali li jaghtu lok biex il-Kummissjoni Elettorali taghti bidu ghall-process ta' konsultazzjoni rikjest mill-istess Att biex ikun jista' jsir tibdil fil-konfini tal-Kunsill Lokali tal-Mosta u ta' San Pawl il-Bahar."

**2.** Tajjeb li mill-bidu nett tigi ndikata l-imsemmija disposizzjoni:

**"3(3): Tibdil fil-konfini ta' lokalitajiet ghandu jsir biss f'cirkostanzi eccezzjonali u biss mill-Kummissjoni Elettorali, wara konsultazzjoni mal-Ministru, il-Kunsilli Lokali koncernati u, fejn hu possibbli, mar-residenti lokali. Il-Kummissjoni Elettorali ghandha taghmel dan it-tibdil permezz ta' avviz legali fil-Gazzetta."**

**<u>Ic-citazzjoni u l-eccezzjonijiet</u>**

**3.** Fic-citazzjoni tieghu l-Kunsill Lokali tal-Mosta ippremetta li tradizzjonalment u storikament il-Bidnija tifforma parti mil-lokalita` estiza tal-Mosta u dan mill-aspetti kollha, inkluzi skejjel u bzonnijiet spiritwali; illi meta nholqu l-Kunsilli Lokali ghall-ewwel darba, il-Bidnija giet inkorporata ma' San Pawl il-Bahar, li maghha ma kellha ebda rabta; illi wara talba tal-Kunsill Lokali attur sabiex il-Bidnija kollha tigi nkorporata fil-lokalita` tal-Mosta din giet, permezz tal-A.L. 37/1998, maqsuma fin-nofs, bil-parti residenzjali taghmel parti mill-Mosta u l-parti rurali tibqa' ma' San Pawl il-Bahar; illi din is-sitwazzjoni, dejjem skond il-Kunsill attur, la taghmel sens u lanqas hija logika ghax, minbarra ragunijiet ta' tradizzjoni u storja, il-fatt li tifred parti mill-Bidnija minn parti ohra jikkrea konfigurazzjoni f'forma ta' lsien li hu snaturali u uniku fil-lokalitajiet kollha ta' Malta, apparti li thalli barra mill-konfini tal-Kunsill tal-Mosta il-parti tal-Bidnija li hi l-izjed vicin il-Mosta stess; illi s-Sindku tal-Mosta kemm-il darba kiteb lill-Kummissarju Elettorali Principali bit-talba tal-Kunsill, kif ukoll tar-residenti kollha tal-Bidnija, sabiex il-Bidnija kollha tigi nkorporata fil-lokalita` tal-Mosta, u baghat ukoll lista bil-firem tar-residenti kollha tal-Bidnija biex isostni din l-istess

talba, izda baqa' minghajr twegiba, bhalma baqa' minghajr twegiba il-konsulent legali tal-Kunsill; premess dan kollu, inkluza referenza ghad-disposizzjoni tal-ligi hawn aktar 'l fuq riprodotta, il-Kunsill Lokali tal-Mosta talab kif indikat fil-paragrafu **1**, *supra.*

**4.** Il-Kummissjoni elettorali ressqet is-segwenti eccezzjonijiet, li ghall-konvenjenza tas-sentenza odjerna qed jigu enumerati – il-fatt li l-Kummissjoni konvenuta naqset milli tenumerahom (ara n-nota a fol. 34 tal-atti) wassal effettivament biex it-tielet u raba' eccezzjoni jigu kkunsidrati u decizi bhala wahda:

**"1. Illi fl-ewwel lok l-azzjoni kif proposta hija improponibbli ghax tittendi** *(sic!)* **biex tissindika diskrezzjoni esercitata mill-Parlament b'Att li stabilixxa l-konfini tal-Kunsilli Lokali.**

**"2. Illi huwa minnu li l-Kummissjoni ghandha diskrezzjoni fil-materja ta' konfini imma tali diskrezzjoni tista' tigi biss esercitata ghab-bazi ta' fatturi li jitqajmu wara li tkun ghaddiet il-ligi u mhux fatturi li jkunu ppresistew l-istess ligi li stabbiliet il-konfini tal-lokalitajiet.**

**"3. Illi inoltre l-azzjoni kif proposta ma tistax tirnexxi billi l-Qorti tiddifetta minn gurisdizzjoni biex tissindika l-agir tal-Kummissjoni fuq il-bazi proposta fic-citazzjoni.**

**"4. Illi fil-kaz presenti l-attur qieghed jilmenta minn nuqqas tal-Kummissjoni li tezercita diskrezzjoni minnha ezercitata u ghalhekk tittendi** *(sic!)* **biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Kummissjoni b'dik tal-Qorti.**

**"5. Illi c-citazzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.**

**"Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."**

**5.** Fl-udjenza tal-5 ta' Marzu 2002, id-difensur tal-Kunsill attur talab li "l-Kummissjoni konvenuta tressaq nota

spjegattiva rigward l-eccezzjonijiet imressqa, cioe` l-ewwel erba’ eccezzjonijiet” (ara fol. 41). Il-Qorti laqghet it-talba – dejjem riferibbilment ghall-erba’ eccezzjonijiet – u tat lill-Kummissjoni zmien sas-26 ta’ April 2002. Naturalment sa l-udjenza ta’ wara – 2 ta’ Mejju 2002 – il-Kummissjoni ma kienet ghadha ppresentat xejn, u talbet aktar zmien biex “tressaq in-nota spjegattiva” (ara fol. 46). Din in-nota, li tibda billi taghmel referenza ghall-verbali tal-5 ta’ Marzu u 2 ta’ Mejju ta’ dik l-istess sena, fil-fatt giet presentata fit-12 ta’ Gunju 2002 (ara fol. 47 u 48) u hija maqsuma fi tlett paragrafi enumerati. Fil-paragrafu 1 giet “spjegata” l-ewwel eccezzjoni, tant li jinghad hekk: “Dan [cioe` dak li qed jippretendi li jsir il-Kunsill Lokali tal-Mosta] necessarjament jitlob li l-Qorti tissindika l-passi li ttiehdu mill-Parlament fil-1999 u d-diskrezzjoni minnu ezercitata sabiex twaqqfu dawn il-Kunsilli lokali”. Fil-paragrafu enumerat 2, imbaghad, giet “spjegata” t-tieni eccezzjoni: “Fil-kawza odjerna l-fatti premessi mill-atturi u li skond huma jammontaw ghal cirkostanzi eccezzjonali, kienu gja jezistu fiz-zmien meta ghaddiet il-ligi li tikkoncerna l-konfini.” Il-paragrafu enumerat 3 jghid hekk:

**“Il-poter moghti lill-Kummissjoni jinkludi fih in-nifsu d-diskrezzjoni li jiddeciedi dwar l-ezistenza o meno tac-cirkostanzi eccezzjonali mitluba mill-artikolu precitat: *‘Tibdil fil-konfini ta’ lokalitajiet ghandu jsir biss f’cirkostanzi eccezzjonali u biss mill-Kummissjoni Elettorali...’* Din l-Onorabbili Qorti taht l-ebda cirkostanza ma tista’ tigi mitluba li tissostitwixxi lill-Kummissjoni f’din id-decizjoni. Huwa kompitu esklussivament tal-Kummissjoni u t-talba ta’ l-atturi tittenta li titrasferixxi dan il-kompitu f’idejn din l-Onorabbli Qorti meta hija m’ghandhiex gurisdizzjoni sabiex taghmel hekk.”**

**6.** Huwa car minn dan il-bran li hawn il-Kummissjoni qabdet u ndirizzat flimkien – u fil-fatt jaghmel hafna sens li jsir hekk ghax wahda ssegwi neccessarjament mill-ohra – kemm it-tielet kif ukoll ir-raba’ eccezzjoni kif enumerati minn din il-Qorti fil-paragrafu **4**, *supra*. Din il-Qorti tifhem li kien ghalhekk li, fil-verbal tal-udjenza tat-12 ta’ Gunju 2002 (l-istess data li fiha giet presentata n-nota) jinghad

hekk: “Il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni tal-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-Kummissjoni…” (fol. 50). Fil-verbal tal-udjenza tad-29 ta’ Settembru 2003, nergghu nsibu referenza ghal “…l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenut…” (fol. 58), u f’dik il-gurnata l-kawza thalliet ghas-sentenza “fuq dawn it-tlett eccezzjonijiet” ghall-15 ta’ Dicembru 2003.

## Is-sentenza appellata

**7.** Fis-sentenza taghha tal-15 ta’ Dicembru 2003, il-Prim Awla qalet hekk:

“Illi l-konvenuti kif gia indikat qed jeccepixxu illi l-azzjoni hija improponibbli ghaliex ittendi biex tissindika diskrezzjoni esercitata minn Att tal-Parlament. Isostnu inoltre illi l-kummissjoni ghandha diskrezzjoni li tista’ tigi esercitata biss wara li ghaddiet il-ligi u mhux fuq fatturi illi jkunu ippreesistew l-istess ligi. Eccepew ukoll li l-Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni biex tissindika l-agir tal-Kummissjoni Elettorali.

“Din l-azzjoni qed tigi proposta mill-atturi a bazi tal-Artikolu 3 (3) tal-Att tal-1993 dwar il-Kunsilli Lokali. Dan jghid hekk:

**“”Tibdil fil-konfini ta’ lokalitajiet ghandhu jsir biss f’cirkostanzi eccezzjonali u biss mill-Kummissjoni Elettorali wara konsultazzjoni mal-Ministru, il-Kunsilli Lokali koncernati u fejn possibbli mir-residenti lokali. Il-Kummissjoni Elettorali ghandha taghmel dan it-tibdil permezz ta’ Avviz Legali fil-Gazzetta.”**

“Fil-fatt id-dikjarazzjoni guramentata tas-sindku tal-Mosta a fol 3 tal-process tindika li effettivament it-talba tal-atturi biex il-lokalita` tal-Bidnija issir parti mill-Mosta saret qabel l-1998 meta il-Parlament emenda l-Att in kwistjoni. Skond l-istess attur b’rizultat tal-emenda, il-parti residenzali tal-Bidnija sar parti mill-Mosta izda l-parti rurali baqghet taghmel parti minn San Pawl il-Bahar. Jidher li l-kunsill baqa’ jinsisti inutilment biex anke din il-parti issir parti mill-Mosta.

"Effettivament allura l-atturi b'din il-kawza qed jittentaw illi jgieghlu lill Kummissjoni biex tesercita d-dritt taghha taht l-artiklu fuq imsemmi biex jibda l-konsultazzjonijiet bl-iskop li l-Bidnija kollha tibqa taghmel parti mill-Mosta.

"L-eccezzjoni tal-konvenuti li b' hekk l-atturi qed jissindikaw Att tal-Parlament ma tidhirx sostenibbli ghaliex l-istess Att tal-Parlament jaghti din id-diskrezzjoni lill-Kummissjoni. Hu naturali li originarjament kien il-Parlament li kellhu dan il-poter meta ghadda l-ligi in kwistjoni, izda mill-mument li l-Att gie fis-sehh dan il-poter ghadda ghand il-Kummissjoni. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta.

"It-tieni ecezzjoni hija fis-sens li l-kummissjoni din id-diskrezzjoni ghandha tuzaha biss meta jinqalghu fatturi godda, ossija li jinqalghu wara li gie fis-sehh l-Att u mhux a bazi ta' fatturi li, kif jammettu l-istess atturi (anzi dan hu l-bazi tal-istess azzjoni), kienu jezistu qabel gie fis-sehh l-Att in kwistjoni.

"Din il-Qorti ma tantx ghandha dubbju li dan kien f'mohh il-legislatur meta saret il-ligi u b'mod partikolari is-sub inciz in kwistjoni. Madankollu d-dicitura tal-istess sub inciz ma hijiex esklussiva u thalli dubbju konsiderevoli li fic-cirkostanzi ghandu jimmilita favur l-atturi. Fil-fehma tal-Qorti hawnhekk ghandu japplika l-principju *ubi voluit lex dixit* u ladarba l-ligi ma teskludix fatturi pre esistenti, il-Kummissjoni ghandha l-poter tbiddel il-konfini jekk jidhrilha li dak li sar fl-1993 ma kienx jirrispekkja stat ta' fatt ghal dawk li huma l-konfini bejn zewg lokalijiet. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

"Tibqa' allura l-kwistjoni jekk il-Qorti tistax tissindika azzjoni jew f'dan il-kaz nuqqas ta' azzjoni da parti tal-Kummissjoni f'kazi simili. Hawnhekk id-dicitura hija fis-sens li hija <u>biss</u> il-Kummissjoni li tista' tibdel il-konfini wara li tikkonsulta ruhha *inter alia* mal-kunsilli lokali koncernati. Il-ligi hija cara hafna fis-sens li hija biss il-Kummissjoni li ghandha dan il-poter u hija cara ukoll li hija l-Kummissjoni li ghandha tikkonsulta ruhha u wara tiehu d-decizjoni. Ma

jidhirx li l-legislatur ried jaghti xi poteri partikolari lill-kunsill lokali fi kwistjoni simili hlief dak konsultattiv, ghaliex probabilment irrealizza li seta' jkollu kwistjonijiet simili u ried li l-Kummissjoni jkollha l-poter tbiddel il-konfini minghajr ma taqsam dan il-poter ma hadd. Fil-fehma tal-Qorti hu car li l-legislatur ried jaghti dan il-poter lill-Kummissjoni minghajr ma jkollha lill hadd biex igebbidha lil naha jew ohra. Il-Qorti thoss ukoll li tkun qed tassumi poteri li l-ligi taghti esklussivament lill-Kummissjoni jekk tordnalha tibda l-esercizzju intiz biex jinbidlu l-konfini. Ghalhekk din l-eccezzjoni hija sostenibbli u qed tigi milqugha.

**"Ghaldaqsant il-Qorti qed tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti, izda tilqa' t-tielet eccezzjoni, tiddikjara li l-kummissjoni ghandha d-diskrezzjoni insindakabbli fil-materja, u tilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju.**

**"L-ispejjes fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa."**

**8.** Minn din is-sentenza jidher car li anke l-Prim Awla, meta giet biex tiddeciedi dwar it-tielet eccezzjoni effettivament ikkunsidrat ukoll ir-raba' wahda, fis-sens li r-raba' u t-tielet eccezzjoni gew kunsidrati bhala wahda (kif kienet ghamlet il-Kummissjoni fin-nota "spjegattiva" taghha). Infatti jinghad hekk fis-sentenza: "Ma jidhirx li l-legislatur ried jaghti xi poteri partikolari lill-kunsill lokali fi kwistjoni simili hlief dak konsultattiv…u ried li l-Kummissjoni jkollha l-poter tbiddel il-konfini minghajr ma taqsam dan il-poter ma hadd…Il-Qorti thoss ukoll li tkun qed tassumi poteri li l-ligi taghti esklussivament lill-Kummissjoni jekk tordnalha tibda l-ezercizzju intiz biex jinbidlu l-konfini…" (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kliem sottolineat kjarament jaqghu fl-ambitu ta' dak sottomess mill-Kummissjoni fl-eccezzjoni li din il-Qorti mmarkat bhala numru 4, u cioe` li hadd – anqas din il-Qorti – ma seta' jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Kummissjoni f'dak li hu tibdil tal-konfini bid-diskrezzjoni tieghu. Din il-Qorti, ghalhekk, bhall-ewwel Qorti u bhall-Kummissjoni fin-nota "spjegattiva" taghha, sejra tikkunsidra li bit-"tielet eccezzjoni" wiehed qed jifhem kemm dak immarkat bin-

numru 3 kif ukoll dak immarkat bin-numru 4 fin-nota tal-eccezzjonijiet kif riprodotta fil-paragrafu **4**, *supra*, ta' dan il-gudikat.

**<u>L-appell u l-appell incidentali</u>**

**9.** Minn din is-sentenza appellaw kemm il-Kunsill Lokali tal-Mosta kif ukoll, permezz ta' appell incidentali, il-Kummissjoni Elettorali. Il-Kunsill Lokali tal-Mosta bazikament jikkontendi li l-ewwel Qorti ma gharfitx ezattament x'kienet it-talba tieghu. Il-Kunsill appellant fisser li t-talba tieghu ma kienitx, kif donnha fehmet l-ewwel Qorti, li dik il-Qorti tordna lill-Kummissjoni tibda l-ezercizzju intiz biex jinbidlu l-konfini, izda li tiddikjara semplicement "li jezistu cirkostanzi eccezzjonali li jaghtu lok biex il-Kummissjoni Elettorali taghti bidu ghall-process ta' konsultazzjoni" li jista', se mai, iwassal ghal tibdil fil-konfini. Il-Kummissjoni Elettorali, mill-banda l-ohra, tghid li l-ewwel Qorti kellha tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet taghha. Il-Kummissjoni tikkontendi, riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni taghha (cioe` li l-azzjoni proposta hija intiza biex tissindika l-operat tal-Parlament), li galadarba wara t-tibdiliet effetwati mill-Kummissjoni bl-A.L. 87 tal-1998 il-Parlament rega' rreveda l-konfini bl-*emending act* XXI tal-1999 – "…saru emendi," skond il-Kummissjoni appellata, "fil-konfini tal-lokalitajiet izda l-lokalita` tal-Mosta u ta' San Pawl il-Bahar ma ntmessux…"[1] – ma kien jispetta lil hadd li jezercita d-diskrezzjoni ezercitata mill-Parlament li jiddefinixxi l-imsemmija konfini. Kwantu ghat-tieni eccezzjoni – u cioe` li c-cirkostanzi eccezzjonali msemmija fl-Artikolu 3(3) tal-Att in kwistjoni jridu jkunu jammontaw ghal xi haga li tavvera ruhha <u>wara</u> li l-Parlament ikun iffissa l-konfini u mhux ghal xi cirkostanzi pre-ezistenti ghal dik id-determinazzjoni da parti tal-Parlament – il-Kummissjoni tikkontendi fl-appell incidentali taghha li cirkostanza pre-ezistenti ma tista' qatt tikkwalifika bhala "eccezzjonali". Kemm il-Kunsill appellant kif ukoll il-Kummissjoni appellata talbu r-riforma tas-sentenza appellata.

---

[1] Ara t-tieni pagna tar-risposta tal-Kummissjoni, fol. 74 tal-atti.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti</u>

**10.** Din il-Qorti hi tal-fehma li qabel ma titratta direttament l-aggravju tal-Kunsill appellant u dawk tal-Kummissjoni appellata, ikun opportun li wiehed jipprova jifhem sew il-portata tal-Artikolu 3(3) tal-Kap. 363 in kwistjoni (*vide* paragrafu **2**, *supra*[2]). Minn din id-disposizzjoni huwa evidenti li l-legislatur ried li tibdiliet fil-konfini jsiru biss mill-Kummissjoni – mela hija l-Kummissjoni l-arbitru wahdani u finali ta’ jekk ghandhomx isiru tali tibdiliet fil-konfini, suggetta, s’intendi, dejjem ghar-regoli ta’ *judical review* mwettqa mill-Qrati ordinarji. Ma tistax il-Kummissjoni, per ezempju, meta tigi biex tiddeciedi, ma tiehux in konsiderazzjoni dak li hija obbligata bil-ligi li tiehu inkonsiderazzjoni, jew tiehu in konsiderazzjoni affarijiet kompletament estraneji ghall-ezercizzju li tkun sejra taghmel. Pero`, jekk il-Kummissjoni tagixxi entro l-parametri tal-ligi, id-diskrezzjoni taghha hija insindakabbli, proprju ghax il-legislatur ried li l-Kummissjoni <u>biss</u> tiddeciedi dwar tali konfini, u ghalhekk id-decizjoni tal-Kummissjoni ma tistax tigi sostitwita b’dik ta’ xi hadd iehor, anqas b’dik tal-Qorti. Apparti, dan, pero`, il-legislatur zied ukoll pre-kondizzjoni ghall-ezercizzju da parti tal-Kummissjoni tad-diskrezzjoni taghha f’dak li hu tibdil ta’ konfini: li jrid ikun hemm <u>cirkostanzi eccezzjonali</u>. In fatti huwa <u>biss</u> jekk ikun hemm dawn ic-cirkostanzi li l-Kummissjoni tista’ tezercita d-diskrezzjoni taghha biex tezamina jekk ghandhiex tbiddel il-konfini o meno. Ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, l-ezistenza ta’ “cirkostanzi eccezzjonali” ma tfissirx li <u>bilfors il-Kummissjoni trid tbiddel</u> – dan hu evidenti mill-uzu darbtejn tal-kelma “biss” – “biss f’cirkostanzi eccezzjonali” u “biss mill-Kummissjoni Elettorali”. Wiehed ghandu wkoll jifhem li fil-generalita` tal-kazijiet il-Kummissjoni tiehu konjizzjoni hija stess tal-ezistenza ta’ tali cirkostanzi. Izda x’jigri jekk il-Kummissjoni tiddeciedi li addirittura tinjora l-ezistenza ta’ dawn ic-cirkostanzi eccezzjonali? Fil-fehma tal-Qorti dan

[2] Ghall-kjarezza qed jigi riprodott hawn anke it-test bl-Ingliz: “Changes in the boundaries of localities shall be made only in exceptional circumstances and only by the Electoral Commission, after consultation with the Minister, the Local Councils concerned and, wherever possible, with the local residents. The Electoral Commission shall effect such changes through a legal notice in the Gazette.”

ikun kaz fejn il-Kummissjoni tkun qed tirrifjuta li tezercita d-diskrezzjoni taghha, cioe` tirrifjuta li tapplika mohhha biex tasal ghal xi forma ta' decizjoni, u f'kaz simili, il-Qorti tista' ggieghel lill-Kummissjoni sabiex tezercita dik id-diskrezzjoni. Kif ifisser il-Professur S. A. de Smith fit-tieni edizzjoni tal-ktieb tieghu ***Judicial Review of Administrative Action*** [3]:

**"The relevant principles formulated by the courts may be broadly summarised as follows. The authority in which a discretion is vested can be compelled to exercise that discretion, but not to exercise it in any particular manner. In general, a discretion must be exercised only by the authority to which it is committed. That authority must genuinely address itself to the matter before it: it must not act under the dictation of another body or disable itself from exercising a discretion in each individual case. In the purported exercise of its discretion it must not do what it has been forbidden to do, nor must it do what it has not been authorised to do. It must act in good faith, must have regard to all relevant considerations and must disregard all irrelevant considerations, must not seek to promote purposes alien to the letter or to the spirit of the legislation that gives it power to act, and must not act arbitrarily or capriciously."**

Fil-kaz in dizamina, il-Kunsill appellant mhux qed jitlob proprjament li l-Qorti tordna lill-Kummissjoni li tezercita` id-diskrezzjoni taghha, izda qed jitlob ferm anqas, u cioe` qed jitlob semplici dikjarazzjoni fis-sens "li jezistu cirkostanzi eccezzjonali kif kontemplati fl-Artikolu 3(3) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali" – u dan, kif donnu jidher mill-premessi tac-citazzjoni, peress li l-Kummissjoni injorat kull komunikazzjoni li saritilha mill-Kunsill u mil-legali tieghu.

**11.** Stabbilit dan, ikun opportun li l-ewwel jigu indirizzati l-lamentali tal-Kummissjoni appellata (fl-appell incidentali taghha) ghas-sentenza appellata. Dwar l-ewwel eccezzjoni, l-ilment tal-Kummissjoni u cioe` li l-azzjoni hija

[3] Stevens & Sons (London), 1968, p. 271.

intiza biex tissindika l-operat tal-Parlament fid-determinazzjoni tal-konfini, semplicement ma taghmilx sens. Kien il-Parlament stess li – apparti dak li stabilixxa bhala konfini meta approva l-ligi kif kienet originarjament fl-1993, u apparti emendi li seta' ghamel fiha in segwitu – ikkonferixxa fuq il-Kummissjoni is-seta' li, f'certi cirkostanzi ("biss f'cirkostanzi eccezzjonali") tbiddel il-konfini. L-Artikolu 3(3) in dizamina jaghti din is-seta' ghall-ezercizzju tad-diskrezzjoni taghha (lill-Kummissjoni) indipendentement minn kemm-il darba l-Parlament jiddeciedi li huwa stess direttament ivarja l-konfini. Riferibbilment, imbaghad, ghat-tieni ilment tal-Kummissjoni (dwar it-tieni eccezzjoni, u cioe` li c-"cirkostanzi eccezzjonali" jridu jkunu cirkostanzi li javveraw ruhhom wara xi intervent legislattiv), hawnhekk ukoll din il-Qorti tara li l-Kummissjoni m'ghandhiex ragun. Certament ic-cirkostanzi jridu jkunu "eccezzjonali", mhux semplicement "specjali" jew "insoliti" – din il-Qorti ma tarax li f'dana l-istadju ghandha tghid aktar in vista ta' dak li sejra tiddeciedi aktar 'l quddiem. Pero` ma hemm xejn fl-Artikolu 3(3) imsemmi li b'xi mod jeskludi li c-"cirkustanzi eccezzjonali" jkunu ppreezistew l-intervent legislattiv. In fatti jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li huwa proprju dak li ghamlet il-Kummissjoni meta harget l-A.L. 87/1998 – cioe` biddlet il-konfini minhabba cirkostanzi (li bilfors li hija qisithom eccezzjonali) li kienu jezistu qabel ma giet promulgata l-ligi. Kwindi dan it-tieni lment tal-Kummissjoni qieghed ukoll jigi respint.

**12.** Ghal dak li jirrigwarda l-appell (principali) tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, din il-Qorti tara li ftit li xejn hemm x'wiehed jghid in vista ta' dak li gie osservat aktar 'l fuq f'dan il-gudikat. Anke li kieku fil-kaz odjern kien qed jintalab – li ma hux qed jintalab – li l-Kummissjoni tigi ordnata li tezercita d-diskrezzjoni taghha ghax tkun naqset li ticcaqlaq meta kien hemm il-pre-rekwiziti (f'dan il-kaz, pre-rekwizit) biex hija tezercita d-diskrezzjoni taghha, tali decizjoni tal-Qorti ma tkunx tikkozza ma dak li jipprovdi l-Artikolu 3(3) in kwantu jaghti s-setgha lill-Kummissjoni biss biex tvarja l-konfini, u dan ghar-ragunijiet imfissra fil-paragrafu **10**, *supra*. Kif diga` osservat, l-attur appellant

f’dan il-kaz qed jitlob biss dikjarazzjoni. Ghalhekk l-appell tal-Kunsill Lokali tal-Mosta ser jintlaqa’.

**<u>Decide</u>**

**13.** Ghall-motivi premessi, tiddisponi miz-zewg appelli billi (1) tichad l-appell incidentali tal-Kummissjoni Elettorali, (2) tilqa’ l-appell principali tal-Kunsill Lokali Mosta u konsegwentement tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu din laqghet it-tielet eccezzjoni tal-Kummissjoni (li maghha hemm inkluza r-raba’ eccezzjoni), in kwantu lliberat lill-Kummissjoni mill-osservanza tal-gudizzju u in kwantu ordnat li l-ispejjez jibqghu bla taxxa, u minflok, filwaqt li trirrespingi wkoll it-tielet eccezzjoni (li maghha hemm inkluza r-raba’ eccezzjoni) tal-Kummissjoni Elettorali, tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex din, okkorrendo wara li tkompli tisma’ l-provi, tipprocedi skond il-ligi billi, fost affarijiet ohra, tiddeciedi dwar l-ahhar eccezzjoni li ghad fadal u cioe` dik li tghid li “c-citazzjoni hija infondata fil-fatt u fid-dritt”, u ghalhekk tiddeciedi wkoll jekk jezistux ic-cirkostanzi eccezzjonali kif kontemplati fl-Artikolu 3(3) tal-Kap. 363; u (3) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. L-ispejjez ta’ l-ewwel istanza jibqghu riservati ghall-gudizzju finali tal-ewwel Qorti; dawk ta’ din l-istanza jithallsu kollha mill-Kummissjoni Elettorali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------